# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14/09

**Il-Ħamis 6 ta' Frar 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Romeo Baldacchino – Sindku

**ASSENTI**

Marija Micallef – Kunsilliera

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

14.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

14.4 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2024;

14.5 Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2025;

14.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

14.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali; a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika - progress

14.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

14.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Il-Viċi Sindku A Dalli ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 14.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kien hemm ittri ta' apoloġija mis-Sindku R. Baldacchino. Din l-apoloġija ġiet aċċetata minn dawk preżenti.

### 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 08/09, 10/09, 11/09 nem con.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

14.3.1 Saret referenza għas-sitwazzjoni tal-BCRS, fejn il-Kunsillier S Caruana nforma lil dawk preżenti li l-magna xorta qed tibqa' mixewla wara t-tmienja ta' filgħaxija. Is-Sur Caruana staqsa wkoll dwar l-istqarrija pubblika.

14.3.2 Saret referenza għall-ħamrija li hemm fi Triq Ħal-Resqun u qed jitħallew il-karozzi pparkjati fuq din l-istess ħamrija. Wara diskussjoni sar qbil biex jitwaħħlu t-tabelli ta' no parking f'din iż-żona.

14.3.3 Ġiet ssuġġeriet biex it-tfal tal-primarja joħorġu mill-istess bieb minn fejn joħorġu tfal tal-kinder u dan sabiex Triq San Mark u Triq il-Magħsar ma jingħalqux għat-traffiku. Dwar dan ser inkunu qed nitkellmu mall-head tal-iskola.

14.3.4 Saret referenza għas-sejħa tal-abozz ta' Ġlormu Cassar sabiex din tinħareġ pubblika għall-interess tal-pubbliku.

14.3.5 Saret referenza għat-triq il-Lewż fejn inġibdet l-attenzjoni li fit-tarf ta' triq kien hemm xi tarmac li qed jinqala'. Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għal parkeġġ li ntilef minn wara li saru linji tal-parkeġġ u kif ukoll dwar double yellow line li sar ma' garaxx.

14.3.6 Ġiet preżentata kwotazzjoni minħabba l-ġbir tat-tiġieġ minn kumpanija privata. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

14.3.7 Ġiet preżentata talba sabiex isir lampa ġdida ma' waħda mill-blokka tal-HE tal-Mitħna. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

14.3.8 Ġiet preżentata korrispondenza dwar il-korsijiet tal-Life Long Learning fejn il-Kunsill approva li japplika għal dawn il-korsijiet sabiex isiru fiċ-Ċentru Parrokjali Santa Marija.

14.3.9 Ġie preżentat ir-rapport li ġie mħejji mill-Contracts Manager għax-xahar ta' Jannar 2025.

14.3.10 Preżentata l-korrispondenza li nbtgħatet mir-Reġjun Nofsinhar dwar skema tal-Ġimgħa Mqaddsa fejn il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema.

14.3.11 Preżentata l-korrispondenza dwar l-attivita' li ser isir ħabba tiġrijiet taż-żwiemel li ser tiġi organizzata mir-Reġjun Nofsinhar nhar il-Ħadd 23 ta' Frar 2025.

14.3.12 Ġiet diskussa l-attivita' tal-Karnival li ser isir l-Ġimgħa 28 ta' Frar 2025. Ġie ssuġġeriet li l-banda tgħaddi minn toroq differenti u ġie wkoll ssuġġeriet li l-attivita' ssir fil-pjazza flok fi Vjal it-Torri.

## 14.4 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2024;

14.4.1 Il-Viċi Sindku preżenta r-Rapport Amministrattiv għas-sena 2024 u għal ħidma ta` snin li ġejjin. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**14.5 Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2025;**

14.5.1 Il-Viċi Sindku preżenta l-kopja l-ġdida tal-Budget għas-sena 2025 wara li saret il-laqgħa tal-komunita. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament

**14.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

14.6.1 Il-Viċi Sindku għamel referenza għal van tal-ħaxix li qed jipparkja fi Vjal it-Torri li qed jtellef parkeġġi oħra anke matul il-ħinijiet ta' filgħaxija.

14.6.2 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza wkoll għal diversi karozzi kummerċjali u vetturi mdaqqsa li qed jitħallew pparkjati barra għal ċertu ħin.

14.6.3 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tiġi mnaddfa is-soft area ta' quddiem Ġnien il-Kmand fi Triq Bir Miftuħ.

14.6.4 Il-Kunsillier S Caruana nforma lil dawk preżenti li qed jipparkjaw xi caravans fil-belveder ta' Loreto speċjalment matul il-weekend sabiex tittieħed azzjoni dwar dan.

14.6.5 Il-Kunsillier S Caruana propona biex isir laqgħa mall-għaqdiet tal-lokal ħabba Jum il-Gudja u l-attivita' tal-Milied 2025.

14.6.6 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex isir laqgħa mas-Sur Warren Muscat biex jiġu diskussi xi attivitajiet sportivi li jisgħtu jsiru fil-Gudja.

14.6.7 Il-Kunsilliera C Chetcuti nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill ta' tfal kien ser jiltaqa' nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2025.

**14.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress
d. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
e. Proġett tal-Pjazza – progress
f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

**14.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

14.8.1 Il-pagamenti nru 58/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku M Micallef u sekondata mill-Kunsillier S Caruana għall-ammont totali ta' €50,768.71 u ġiet approvata nem con.

**14.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

14.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa u kwart ta' filgħaxija (7:15pm). Il-Viċi Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 20 ta' Frar 2025 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Ħamis 6 ta' Marzu 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv